MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1281/2008

**Ignazia Degabriele kif debitament rappreżentata minn Gaetano Catania**

**-vs-**

**Carmel Borg u martu Carmen Borg**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta’ Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI
Illi r-rikorrenti hija l-esekutur testamentari tal-mejta Carmela Degabriele u dan skond l-aħħar testment tagħha li jġib id-data tat-2 ta Jannar 2008, kopja ta’ liema flimkien maċ-ċertifikat tal-mewt u riċerki testamentari jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala (Dokument “ID1”) liema

Carmela Degabriele kienet il-proprjetarja tal-fond 54, Triq Kardinal Sciberras, Qormi;

Illi riċentament l-intimati jew minnhom klandestinament, vjolentement u mingħajr ebda approvazzjoni jew kunsens da parti tar-rikorrenti qabdu u waħħlu *unit* ta' l-*airconditioner* flimkien mal-kommunikazzjoni relattiva mal-ħajt ta' l-appoġġ ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet, jiġifieri 54, Triq Kardinal Sciberras, Qormi u 56, Triq Kardinal Sciberras, Qormi, liema apparat ta' l-*airconditioner* flimkien mal-kommunikazzjoni kollha relattiva twaħħlu fl-arja tal-proprjeta' tar-rikorrenti (kif jidher mill-annessi ritratti mmarkati bħala Dokument "ID2" u "ID3" rispettivament u dan b'oppożizzjoni manifesta da parti ta' l-istess rikorrenti;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI

L-intimati qabdu u waħħlu b'mod klandestinament, vjolentement u abbusivament *air conditioner unit* flimkien mal-komunkazzjoni kollha relattiva mal-ħajt ta' l-appoġġ ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi jiġifieri 55, Triq Kardinal Sciberras, Qormi u 56, Triq Kardinal Sciberras, Qormi proprju fl-arja tal-proprjeta' tar-rikorrenti jiġifieri ġewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti. U dan ad insaputa ta' l-istess rikorrenti u b'oppożizzjoni manifestata ta' l-istess rikorrenti;

C. TALBIET TAR-RIKORRENTI

Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxi spoll għad-dannu tar-rikorrenti fit-termini ta' l-Artikolu 534 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddeċiedi u tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju mogħti minnha jneħħuy l-*air conditioner unit* flimkien mal-komunikazzjonijiet kollha relattivi li

jinsabu fl-arja tal-fond 54, Triq Kardinal Sciberras, Qormi u fin-nuqqas li dan isir tawtorizza lir-rikorrenti tneħħi l-istess apparat *occorrendo* taħt is-superviżjoni ta’ perit nominand minn dina l-istess Qorti għas-spejjeż ta’ l-istess intimati b’riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lilha;

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimati li jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimati debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi.

Rat in-nota preżentata mill-attriċi fis-seduta tal-lum li permezz tagħha ċediet il-mertu iżda żammet ferm it-talba tagħha dwar il-kap ta’ l-ispejjeż.

Peress illi jirriżulta li l-konvenuti neħħew ix-xogħlijiet li dwarhom saret il-kawża wara li ġiet istitwita l-istess kawża;

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------